



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

9 ta' Frar 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 38(3) – Uffiċjal tal-protezzjoni tad-data – Projbizzjoni tat-tneħħija mill-funzjonijiet tiegħu minħabba t-twettiq tal-kompiti tiegħu – Rekwiżit ta' indipendenza funzjonali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi t-tkeċċija ta' uffiċjal tal-protezzjoni tad-data fl-assenza ta' raġuni serja – Artikolu 38(6) – Kunflitt ta' interess – Kriterji”

Fil-Kawża C-453/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' April 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Lulju 2021, fil-proċedura

X-FAB Dresden GmbH ipotetiku Co. KG

vs

FC,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn P. G. Xuereb, President tal-Awla, A. Kumin u I. Ziemele (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' unità,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Settembru 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal X-FAB Dresden GmbH & Co. KG, minn S. Leese, Rechtsanwalt,
- għal FC, minn R. Buschmann u T. Heller, Prozessbevollmächtigte,
- għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller, D. Klebs u P.-L. Krüger, bħala aġenti,
- għall-Parlament Ewropew, minn O. Hrstková Šolcová u B. Schäfer, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

- għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn T. Haas u K. Pleśniak, bħala aġenti,
 - għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouchagiar, K. Herrmann u H. Kranenborg, bħala aġenti,
- wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-validità tat-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-“GDPR”), kif ukoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 38(6) ta' dan ir-regolament.
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn X-FAB Dresden GmbH Co. KG (iktar 'il quddiem “X-FAB”) u l-impjegat tagħha FC, dwar ir-revoka ta' dan tal-aħħar mill-funzjonijiet tiegħu ta' uffiċjal għall-protezzjoni tad-data (iktar 'il quddiem il-“UPD”), mogħtija minn X-FAB.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

- 3 Il-premessi 10 u 97 tal-GDPR jistipulaw:

“(10) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u sabiex jitneħħew l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni tad-data personali fl-Unjoni [Ewropea], il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-data għandu jkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. L-applikazzjoni konsistenti u omoġenea tar-regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali għandha tkun żgurata fl-Unjoni kollha.
[...]

[...]

(97) [...] Tali uffiċjali tal-protezzjoni tad-data, kemm jekk ikunu impjegati tal-kontrollur kif ukoll jekk ma jkunux, għandhom ikunu f'pożizzjoni li jwettqu d-dmirijiet u l-kompiti tagħhom b'mod indipendenti.”
- 4 L-Artikolu 37 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu “Ħatra tal-[UPD]”, jipprevedi, fil-paragrafi 5 u 6 tiegħu:

“5. L-[UPD] għandu jinħatar abbażi tal-kwalitajiet professjonali u, b'mod partikolari, l-għarfien espert tal-liġi u tal-prattiki dwar il-protezzjoni tad-data u l-ħila li jwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 39.

6. L-[UPD] jista' jkun parti mill-persunal tal-kontrollur jew tal-proċessur, jew iwettaq il-kompiti tiegħu fuq il-bażi ta' kuntratt ta' servizz.”
- 5 L-Artikolu 38 tal-GDPR, intitolat “Pożizzjoni tal-[UPD]”, jipprevedi, fil-paragrafi 3, 5 u 6 tiegħu:
- “3. Il-kontrollur u l-proċessur għandhom jiżguraw li l-[UPD] ma jirċievi l-ebda istruzzjoni dwar l-eżerċizzju ta' dawk il-kompiti. Ma għandux jitkeċċa jew ikun penalizzat mill-kontrollur jew mill-proċessur minħabba t-twettiq tal-kompiti tiegħu. L-[UPD] għandu jirrapporta b'mod dirett lill-ogħla livell ta' maniġment tal-kontrollur jew tal-proċessur.
- [...]
5. L-[UPD] għandu jkunu marbut b'segretezza jew b'kunfidenzjalità dwar il-qadi ta' dmirijietu, skont il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.
6. L-[UPD] jista' jwettaq kompiti u dmirijiet oħra. Il-kontrollur jew il-proċessur għandu jiżgura li kwalunkwe minn dawn il-kompiti u dmirijiet ma jirriżultawx f'konflitt ta' interessi.”
- 6 L-Artikolu 39 tal-GDPR, intitolat “Kompiti tal-[UPD]”, jaqra kif ġej:
- “1. L-[UPD] għandu jkollu mill-inqas il-kompiti li ġejjin:
- (a) jinforma u jagħti pariri lill-kontrollur jew lill-proċessur u lill-impjegati li jagħmlu l-ipproċessar dwar l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u skont dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni jew ta' Stati Membri dwar il-protezzjoni tad-data;
 - (b) jissorvelja l-konformità ma' dan ir-Regolament, ma' dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni jew ta' Stati Membri dwar il-protezzjoni tad-data u mal-politiki tal-kontrollur jew tal-proċessur fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-persunal involut fl-attivitajiet ta' pproċessar, u l-verifiki relatati;
 - (c) jipprovdi parir fejn mitlub fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u jissorvelja l-prestazzjoni tagħha skont l- Artikolu 35;
 - (d) jikkoopera mal-awtorità superviżorja;
 - (e) jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-awtorità superviżorja dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar, inkluż il-konsultazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 36, u jikkonsulta, fejn xieraq, fir-rigward ta' kwalunkwe materja oħra.
2. L-[UPD] fit-twettiq tal-kompiti tiegħu għandu jkollu konsiderazzjoni dovuta għar-riskju assoċjat mal-attivitajiet ta' pproċessar, filwaqt li jqis in-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar.”

Id-dritt Ġermaniż

Il-BDSG

- 7 L-Artikolu 6 tal-Bundesdatenschutzgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni tad-Data) tal-20 ta' Diċembru 1990 (BGB1. 1990 I, p. 2954), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ mill-25 ta' Mejju 2018 sal-25 ta' Novembru 2019 (BGB1. 2017 I, p. 2097) (iktar 'il quddiem il-“BDSG”), intitolat “Funzjoni”, jipprevedi, fil-paragrafu 4 tiegħu:

“L-[UPD] jista' jitneħħa mill-funzjonijiet tiegħu biss fil-kuntest ta' applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 626 tal-Bürgerliches Gesetzbuch [(il-Kodiċi Ċivili)], fil-verżjoni tiegħu ppubblikata fit-2 ta' Jannar 2002 (BGB1. 2002 I, p. 42, u rettifiki BGB1. 2002 I, p. 2909 u BGB1. 2003 I, p. 738). It-tkeċċija ta' [UPD] hija illegali, sakemm il-fatti ma jawtorizzawx lill-organu pubbliku jipproċedi bit-tkeċċija tiegħu għal raġuni serja mingħajr osservanza tal-perijodu ta' preavviż. Wara t-terminazzjoni tal-funzjonijiet ta' [UPD], it-tkeċċija hija illegali għal sena, sakemm l-organu pubbliku ma jkunx awtorizzat jipproċedi bit-tkeċċija għal raġuni serja mingħajr osservanza tal-perijodu ta' preavviż.”

- 8 L-Artikolu 38 tal-BDSG, intitolat “[UPD] ta' korpi mhux pubbliċi”, jipprevedi:

“(1) B'żieda mal-Artikolu 37(1)(b) u (c) tal-[GDPR], il-kontrollur u l-proċessur għandhom jaħtru [UPD] normalment meta jimpjegaw tal-inqas għaxar persuni assenjati b'mod permanenti għall-ipproċessar awtomatiku ta' data personali. [...]

(2) L-Artikolu 6(4), it-tieni sentenza tal-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 6(6) huma applikabbli; madankollu, l-Artikolu 6(4) japplika biss meta l-ħatra ta' [UPD] hija obligatorja.”

Il-Kodiċi Ċivili

- 9 L-Artikolu 626 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili), intitolat “Xoljiment mingħajr preavviż għal raġuni serja”, jipprevedi:

“(1) Kull parti għall-kuntratt tista' xxolji r-relazzjoni ta' xogħol għal raġuni serja mingħajr osservanza tal-perijodu ta' preavviż meta, minħabba ċerti fatti, it-tkomplija tar-relazzjoni ta' xogħol sal-iskadenza tal-perijodu ta' preavviż jew sat-tmiem miftiehem tar-relazzjoni ta' xogħol ma tistax tkun meħtieġa mill-parti li xxolji, fid-dawl ta' ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni u fid-dawl tal-interessi taż-żewġ partijiet għall-kuntratt.

Ix-xoljiment jista' jseħħ biss f'terminu ta' ġimagħtejn. It-terminu jibda mill-mument li fih il-parti li tista' tipproċedi bix-xoljiment issir taf bil-fatti rilevanti għax-xoljiment. [...]

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 10 FC ilu impjegat ma' X-FAB mill-1 ta' Novembru 1993.
- 11 Huwa jeżerċita f'din il-kumpannija l-funzjonijiet ta' president tal-kumitat tal-impriża u huwa, abbażi ta' dan, parzjalment eżentat milli jaħdem. Barra minn hekk, huwa jokkupa l-funzjoni ta' viċi president tal-president tal-kumitat ċentrali tal-impriża li ġie kkostitwit għal tliet impriżi tal-grupp ta' kumpanniji li jappartjenu għalih X-FAB, li huma stabbiliti fil-Ġermanja.

- 12 B'effett mill-1 ta' Ġunju 2015, FC inġatar, minn kull impriża separatament, b'halta UPD ta' X-FAB, il-kumpannija omm tagħha kif ukoll sussidjarji oħra ta' din tal-aħħar stabbiliti fil-Ġermanja. Skont il-qorti tar-rinviju, l-għan ta' din il-ħatra parallela ta' FC b'halta UPD ta' dawn l-impriżi kollha kien li jiġi żgurat livell uniformi ta' protezzjoni tad-data fl-imsemmija impriżi.
- 13 Fuq talba tad-delegat għall-protezzjoni tad-data u tal-libertà tal-informazzjoni ta' Thüringen (il-Ġermanja), X-FAB u l-impriżi msemmija fil-punt 12 ta' din is-sentenza, permezz tal-ittri tal-1 ta' Diċembru 2017, irrilevaw b'effett immedjat FC mill-funzjonijiet tiegħu ta' UPD. Permezz ta' ittri separati tal-25 ta' Mejju 2018, dawn l-impriżi, għall-finijiet utli kollha, irrepetew l-azzjoni tagħhom, abbażi tat-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR, li sadanittant sar applikabbli, billi invokaw raġunijiet marbuta mal-grupp ta' kumpanniji li għalih tappartjeni X-FAB.
- 14 L-azzjoni mressqa minn FC quddiem il-qorti Ġermaniża hija intiża sabiex jiġi kkonstatat li għad għandha l-kwalità ta' UPD ta' X-FAB. Hija ssostni li jeżisti riskju ta' kunflitt ta' interessi jekk FC jeżerċita fl-istess ħin il-funzjonijiet ta' UPD u ta' president tal-kumitat ta' impriża, minħabba li dawn iż-żewġ pożizzjonijiet huma inkompatibbli. Konsegwentement, teżisti raġuni serja li tiġġustifika li FC jitneħħa mill-funzjonijiet tiegħu ta' UPD.
- 15 Il-qorti tal-ewwel istanza u tal-appell laqgħu l-azzjoni mressqa minn FC. Ir-rikors għal reviżjoni ppreżentat minn X-FAB quddiem il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju, huwa intiż għaċ-ċaħda ta' din l-azzjoni.
- 16 Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-eżitu ta' dan ir-rikors jiddependi mill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, tqum, minn naħa, il-kwistjoni dwar jekk it-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR tipprekludix li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tissuġġetta r-revoka ta' UPD għal kundizzjonijiet iktar stretti minn dawk previsti mid-dritt tal-Unjoni u, fl-affermattiv, jekk din id-dispożizzjoni hijiex ibbażata fuq bażi legali suffiċjenti. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kundizzjonijiet li għalihom il-BDSG tissuġġetta r-revoka huma konformi mad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi ddeterminat jekk il-funzjonijiet ta' president tal-kumitat ta' impriża u ta' UPD ta' din l-istess impriża jistgħux jiġu eżerċitati mill-istess persuna jew jekk dan iwassalx għal kunflitt ta' interessi fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 38(6) tal-GDPR.
- 17 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejja:

“1) It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) ta[l-GDPR] għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, b'halma huwa f'dan il-każ l-Artikolu 38(1) u (2), ikkunsidrat flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(4) tal-[BDSG], li tipprevedi li t-tneħħija tal-[UPD] mill-kontrollur responsabbli, li jkun ukoll il-persuna li timpjega dan l-uffiċjal, hija suġġetta għall-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmija dispożizzjoni, u dan irrispettivament minn jekk din it-tneħħija ssirx fil-kuntest tat-twertiq tal-funzjonijiet tiegħu?

Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

2) It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament 2016/670 tipprekludi wkoll tali dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali fil-każ li l-ħatra tal-[UPD] ma tkunx obligatorja taħt l-Artikolu 37(1) ta' dan ir-regolament iżda biss taħt id-dritt tal-Istat Membru?

Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

- 3) It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament 2016/670 hija bbażata fuq bażi legali suffiċjenti, b'mod partikolari sa fejn tkopri [UPD] li jkollhom relazzjoni ta' impjegat fil-konfront tal-kontrollur responsabbli?

Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda?

- 4) Ikun hemm kunflitt ta' interessi fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 38(6) ta[l-GDPR] meta l-[UPD] jokkupa, fl-istess ħin, il-pożizzjoni ta' president tal-kumitat tal-impriża fi ħdan il-kontrollur responsabbli? Sabiex jitqies li hemm tali kunflitt ta' interessi, huwa meħtieġ li jkun hemm tqassim speċifiku tal-funzjonijiet fi ħdan dan il-kumitat?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 18 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tipprevedi li kontrollur jew proċessur ma jistgħux ikeċċu uffiċjal tal-protezzjoni tad-data li huwa membru tal-persunal tagħhom ħlief għal raġuni serja, anki jekk it-tkeċċija ma hijiex marbuta mal-eżerċizzju tal-kompiti ta' dan l-uffiċjal.
- 19 Bħalma jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha konformement mat-tifsira normali tagħha fil-lingwa ta' kuljum, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġislazzjoni li tagħmel parti minnha (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 18 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 20 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-formulazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni, għandu jifakkar li l-Artikolu 38(3) tal-GDPR jipprovdi, fit-tieni sentenza tiegħu, li “[l-UPD] [m]a għandux jitkeċċa jew ikun penalizzat mill-kontrollur jew mill-proċessur minħabba t-twertiq tal-kompiti tiegħu”.
- 21 F’dan ir-rigward, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz (C-534/20, EU:C:2022:495, punti 20 u 21), il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li kkonstatat li l-GDPR ma jiddefinixxix it-termini “[m]a għandux jitkeċċa”, “ikun penalizzat” u “minħabba t-twertiq tal-kompiti tiegħu”, li jinsabu f’din it-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3), enfasizzat, l-ewwel, li konformement mat-tifsira ta' dawn it-termini fil-lingwaġġ ta' kuljum, il-projbizzjoni fuq il-kontrollur jew il-proċessur milli jeħles lil UPD mid-dmirijiet tiegħu jew li jippenalizzah tfisser li dan id-UPD għandu jkun protett kontra kwalunkwe deċiżjoni li biha jitwaqqaf il-funzjonijiet tiegħu, li bih kien ibati żvantaġġ jew li jikkostitwixxi sanzjoni.
- 22 Issa, tista' tikkostitwixxi tali deċiżjoni miżura ta' revoka ta' UPD li tittieħed mill-persuna li timpjegat u li jkollha l-konsegwenza li d-UPD taqa' taħt il-funzjonijiet tagħha mal-kontrollur jew il-proċessur tagħha.
- 23 It-tieni, kif irrilevat ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR tapplika indistintament kemm għad-UPD li huwa membru tal-persunal tal-kontrollur jew proċessur kif ukoll għal dak li jeżerċita l-kompiti tiegħu abbażi ta' kuntratt ta' servizz konkluż ma'

- dawn tal-aħħar, konformement mal-Artikolu 37(6) tal-GDPR, b'tali mod li din l-aħħar sentenza tal-Artikolu 38(3) hija intiża li tapplika għar-relazzjonijiet bejn UPD u kontrollur jew proċessur, indipendentement min-natura tar-relazzjoni ta' xogħol ta' din tal-aħħar (sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punti 23 u 24).
- 24 It-tielet, din l-aħħar dispożizzjoni tistabbilixxi limitu li jikkonsisti fil-projbizzjoni tat-tneħħija mill-funzjonijiet ta' UPD għal raġuni bbażata fuq l-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu, li jinkludu, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 39(1)(b) tal-GDPR, l-istħarriġ tal-osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tad-data kif ukoll tar-regoli interni tal-kontrollur jew tal-proċessur fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 25).
- 25 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-għan imfittex mit-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR, għandu jiġi enfasizzat, l-ewwel, li l-premessa 97 ta' dan tal-aħħar tistabbilixxi li l-UPD, kemm jekk huma impjegati tal-kontrollur kif ukoll jekk ma humiex, għandhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw il-funzjonijiet u l-kompiti tagħhom b'indipendenza sħiħa. F'dan ir-rigward, tali indipendenza għandha neċessarjament tippermettilhom jeżerċitaw il-kompiti tagħhom konformement mal-għan tal-GDPR, li huwa intiż, b'mod partikolari, bħalma jirriżulta mill-premessa 10 tiegħu, li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi fi ħdan l-Unjoni u, għal dan l-għan, li tiġi żgurata applikazzjoni koerenti u omoġenea tar-regoli ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali ta' dawn il-persuni fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fl-Unjoni kollha (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 26 It-tieni, l-għan intiż li tiġi żgurata l-indipendenza funzjonali tal-UPD, kif jirriżulta mit-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR, jirriżulta wkoll mill-ewwel u t-tielet sentenzi tal-Artikolu 38(3), li jimponu li dan l-UPD ma jirċievi ebda struzzjoni f'dak li jirrigwarda l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u għandu jirrapporta direttament lill-ogħla livell tal-amministrazzjoni tal-kontrollur jew tal-proċessur, kif ukoll mill-imsemmi Artikolu 38(5) tal-GDPR, li jipprevedi, fir-rigward ta' dan l-eżerċizzju, li l-imsemmi UPD huwa suġġett għas-sigriet professjonali jew għal obbligu ta' kunfidenzjalità (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 27).
- 27 Għalhekk, it-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR, billi tipproteġi lill-UPD minn kull deċiżjoni li ttejjem il-funzjonijiet tiegħu, iġġiegħlu jbati żvantaġġ jew li tikkostitwixxi sanzjoni, meta tali deċiżjoni tkun marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, għandha titqies li hija intiża essenzjalment sabiex tippreżerva l-indipendenza funzjonali tal-UPD u, għaldaqstant, li tiggarantixxi l-effettività tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 28).
- 28 Kif iddeċidiet ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata, fit-tielet lok, mill-kuntest li tagħmel parti minnu din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, mill-bażi legali li abbażi tagħha l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta l-GDPR (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 29).
- 29 Fil-fatt, mill-preambolu tal-GDPR isegwi li dan ġie adottat abbażi tal-Artikolu 16 TFUE, li l-paragrafu 2 tiegħu jipprevedi b'mod partikolari li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jaġixxu konformement mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar, minn naħa, il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, kif ukoll mill-Istati Membri

- fl-eżerċizzju ta' attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, mal-moviment liberu ta' din id-data (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 30).
- 30 F'dan ir-rigward, l-iffissar ta' regoli dwar il-protezzjoni kontra t-tneħħija ta' UPD impjegat minn kontrollur jew minn proċessur jaqa' taħt il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali biss sa fejn tali regoli huma intiżi li jippreżervaw l-indipendenza funzjonali ta' dan tal-aħħar, konformement mat-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 31).
- 31 Minn dan isegwi li kull Stat Membru huwa liberu, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tiegħu, li jipprevedi dispożizzjonijiet partikolari iktar protettivi fil-qasam tar-revoka tal-UPD, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, b'mod partikolari mat-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 34).
- 32 B'mod partikolari, tali protezzjoni ikbar ma tistax tikkomprometti t-twettiq tal-għanijiet tal-GDPR. Issa, dan ikun il-każ jekk din tipprekludi kull revoka, minn kontrollur jew minn proċessur, ta' UPD li ma jibqax ikollu l-kwalitajiet professjonali meħtieġa sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, skont l-Artikolu 37(5) tal-GDPR, jew li ma jwettaqx dawn tal-aħħar skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Leistriz, C-534/20, EU:C:2022:495, punt 35).
- 33 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar, kif ġie rrilevat fil-punt 25 ta' din is-sentenza, li l-GDPR huwa intiż li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi fi ħdan l-Unjoni fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom, u li, għat-twettiq ta' dan l-għan, l-UPD għandu jkun f'pożizzjoni li jeżerċita l-funzjonijiet u l-kompiti tiegħu b'indipendenza sħiħa.
- 34 B'hekk, protezzjoni ikbar tal-UPD li tipprekludi kull revoka tiegħu fil-każ li ma jkunx iktar jew iktar f'pożizzjoni li jeżerċita l-kompiti tiegħu b'mod kompletament indipendenti minħabba l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi tikkomprometti t-twettiq ta' dan l-għan.
- 35 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura li dispożizzjonijiet partikolari bħal dawk imsemmija fil-punt 31 ta' din is-sentenza huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR.
- 36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li t-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tal-GDPR għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li kontrollur jew proċessur ma jistax ikeċċi UPD li huwa membru tal-persunal tiegħu ħlief għal raġuni serja, anki jekk it-tkeċċija ma hijiex marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dan l-uffiċjal, sakemm tali leġiżlazzjoni ma tikkompromettix it-twettiq tal-għanijiet tal-GDPR.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

- 37 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domanda.

Fuq ir-raba' domanda

- 38 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, f'liema kundizzjonijiet tista' tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' "konflitt ta' interessi", fis-sens tal-Artikolu 38(6) tal-GDPR.
- 39 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 38(6) tal-GDPR, "[l-UPD] jista' jwettaq kompiti u dmirijiet oħra. Il-kontrollur jew il-proċessur għandu jiżgura li kwalunkwe minn dawn il-kompiti u dmirijiet ma jirriżultawx f'konflitt ta' interessi."
- 40 Għalhekk, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta, l-ewwel, li l-GDPR ma jistabbilixxix inkompatibbiltà fil-prinċipju bejn, minn naħa, l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' UPD u, min-naħa l-oħra, dak ta' funzjonijiet oħra mal-kontrollur jew il-proċessur tiegħu. Fil-fatt, l-Artikolu 38(6) ta' dan ir-regolament jipprevedi speċifikament li l-UPD jista' jiġi fdat bit-tweqqiq ta' kompiti u dmirijiet oħra minbarra dawk li huwa għandu taħt l-Artikolu 39 tal-GDPR.
- 41 It-tieni, xorta jibqa' l-fatt, li l-kontrollur jew il-proċessur tiegħu għandu jiżgura li dawn il-kompiti u dmirijiet oħra ma jinvolvux "konflitt ta' interessi". Fid-dawl tat-tifsira ta' dawn il-kliem fil-lingwaġġ ta' kuljum, għandu jitqies li, konformement mal-għan imfittex mill-Artikolu 38(6) tal-GDPR, l-UPD ma jistax jingħata l-eżekuzzjoni ta' kompiti jew dmirijiet li jistgħu jippreġudikaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet li huwa jeżerċita bħala UPD.
- 42 Fir-rigward ta' dan l-għan, għandu, fit-tieni lok, jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni hija intiża essenzjalment, bħad-dispożizzjonijiet l-oħra msemmija fil-punt 25 ta' din is-sentenza, sabiex tinżamm l-indipendenza funzjonali tal-UPD u, għaldaqstant, li tiġi ggarantita l-effettività tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR.
- 43 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kuntest tal-Artikolu 38(6) tal-GDPR, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 39(1) (b) tal-GDPR, l-UPD għandu bħala missjoni, b'mod partikolari, li jikkontrolla l-osservanza tal-GDPR, dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u tar-regoli interni tal-kontrollur jew tal-proċessur fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-persunal involut fl-attivitajiet ta' pproċessar, u l-verifiki relatati.
- 44 Minn dan isegwi, b'mod partikolari, li UPD ma jistax jingħata kompiti jew dmirijiet li jwasslu sabiex jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali mingħand il-kontrollur jew il-proċessur tiegħu. Fil-fatt, konformement mad-dritt tal-Unjoni jew mad-dritt tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, l-istħarriġ ta' dawn l-għanijiet u mezzi għandu jitwettaq b'mod indipendenti mill-UPD.
- 45 Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi, fis-sens tal-Artikolu 38(6) tal-GDPR, għandha ssir każ b'każ, abbażi ta' evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, b'mod partikolari tal-istruttura organizzattiva tal-kontrollur jew tal-proċessur tiegħu u fid-dawl tal-leġiżlazzjoni kollha applikabbli, inklużi kwalunkwe regoli interni ta' dawn tal-aħħar.
- 46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 38(6) tal-GDPR għandu jiġi interpretat fis-sens li "konflitt ta' interessi", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jista' jeżisti meta DPD tingħata kompiti jew dmirijiet oħra, li jwasslu lil dan tal-aħħar sabiex jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali

fil-kontrollur jew il-proċessur tiegħu, liema ħaġa għandha tkun il-qorti nazzjonali li tiddetermina, każ b'każ, abbażi ta' evalwazzjoni tal-fatti rilevanti kollha, b'mod partikolari l-istruttura organizzattiva tal-kontrollur jew tal-proċessur tiegħu u fid-dawl tar-regolamenti applikabbli kollha, inklużi kwalunkwe regoli interni ta' dawn tal-aħħar.

Fuq l-ispejjeż

- 47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġislazzjoni nazzjonali li tipprevedi li kontrollur jew proċessur ma jistax ikeċċi uffiċjal tal-protezzjoni tad-data li huwa membru tal-persunal tiegħu ħlief għal raġuni serja, anki jekk it-tkeċċija ma hijiex marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dan l-uffiċjal, sakemm tali leġislazzjoni ma tikkompromettix it-twettiq tal-għanijiet ta' dan ir-regolament.**
- 2) L-Artikolu 38(6) tar-Regolament 2016/679 għandu jiġi interpretat fis-sens li “konflitt ta' interessi”, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jista' jeżisti meta DPD tingħata kompiti jew dmirijiet oħra, li jwasslu lil dan tal-aħħar sabiex jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali fil-kontrollur jew il-proċessur tiegħu, liema ħaġa għandha tkun il-qorti nazzjonali li tiddetermina, każ b'każ, abbażi ta' evalwazzjoni tal-fatti rilevanti kollha, b'mod partikolari l-istruttura organizzattiva tal-kontrollur jew tal-proċessur tiegħu u fid-dawl tar-regolamenti applikabbli kollha, inklużi kwalunkwe regoli interni ta' dawn tal-aħħar.**

Firem